**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 924/97

John Cutajar

vs

Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u b' digriet tal-11 ta' Mejju 2000 giet kjamata fir-rikors il-Water Services Corporation

Illum 26 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi dan l-ilment hu bazat fuq ingustizzja li sofra bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 meta gie trasferit ingustament.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn: Ir-rikorrent kien jahdem bhala watchman mad-Dipartiment tal-Ilma, ghassa mal-gibjun tal-Qrendi ghal madwar xi

hames snin.  Ezatt kif inbidel il-Gvern fl-1987 kien gie avvicinat minn certu Leli Frendo, li kien jahdem bhala labourer mal-Public Works. Dan kien qallu li l-Ministru kien qallu biex imur watchman mal-gibjun minn flok ir-rikorrent biex dan ta' l-ahhar imur jirrapporta ghax-xoghol Belt is-Sebh.  Meta r-rikorrent staqsieh ghaliex kien gie trasferit, Frendo qallu li r-raguni kienet ghaliex hu kien garr in-nies fil-karozza tieghu fl-elezzjoni, ghaliex krew il-garaxx lill-Partit Laburista, minhabba li qatta' r-ritratti tal-kandidati nazzjonalisti kif ukoll ghaliex kellu erba' charges.

Minhabba dan it-trasferiment ir-rikorrent kien mar ghand is-Segretarju Parlamentari Ninu Zammit biex iressaq il-kaz tieghu quddiemu u dan qallu li kellu erba charges.  Izda r-rikorrent mhux talli ma kellux charges, anzi kien jaghmel xogholu bir-reqqa u minn qalbu, tant li ghandu ittri ta' rakkommandazzjoni li juru li kien strumentali biex tinstab leak tal-ilma fil-hin li biha kien qed isir hela kbir ta' ilma ta' madwar tlett miljun gallun ilma kuljum.  Ghaldaqstant mar Belt is-Sebh biex jiccekkja l-files tieghu dwar ic-charges, u ma sab l-ebda charge fil-file tieghu.  Dan kollu ma serva ghalxejn ghaliex xorta wahda gie trasferit ghal bosta bnadi differenti, u mhux hekk biss, talli gie wkoll trasferit ghal max-Xogholijiet Pubblici.

Jinghad ukoll li dak iz-zmien ir-rikorrent kien qieghed jiehu hsieb missieru  li kien ragel ghama joqghod wahdu ftit il boghod minn fejn hu kien ikun ghassa mal-gibjun.

Ghaldaqstant ir-rikorrent sofra diskriminazzjoni gie trasferit ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu u sofra danni finanzjarji f' li zdiedulu l-ispejjez biex imur ghax-xoghol fid-diversi postijiet li ntbaghat.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba. Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Substitute Watchman mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-10 ta' Lulju 1976. Hu lahaq il-grad ta' Auxiliary Worker fl-1 ta' Novembru 1978. Fl-4 ta' Frar 1987 ir-rikorrent gie promoss ghall-watchman. Permezz tar-riforma li sehhet fis-settur Pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991, ir-rikorrent gie assimilat bhala General Hand b' effett mill-4 ta' Frar 1992.

Illi t-trasferiment imsemmi ma kienx oppressiv, ma kkagunax sofferenza ndebita lir-rikorrent u ma kienx il-frott ta' agir oppressiv, izda kien gustifikat mill-principju tal-mobilita` tal-impjegati fis-settur pubbliku.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li eccepiet:

Illi t-talba tar-rikorrent ghas-sejha fil-kawza tal-korporazzjoni kjamata saret wara li kien diga ghalaq iz-zmien li fih setghu jigu prezentati rikorsi quddiem dan it-Tribunal skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u ghalhekk l-istess Korporazzjoni kjamata talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma kienx impjegat tal-Korporazzjoni kjamata jew ta' l-awtur taghha d-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma u ghalhekk il-Korporazzjoni kjamata ma tippossjedi ebda dokument fir-rigward tar-rikorrent.

B'riserva ta' risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fl-10 ta' Jannar 2001 it-Tribunal b' referenza ghall-eccezzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma filwaqt li ghamel referenza ghas-sentenza ta' dan it-Tribunal tat-22 ta' Gunju 2000 fl-ismijiet Pauline Camilleri vs Direttur tal-Avjazzjoni Civili laqa' l-eccezzjoni tal-kjamata in kawza Water Services Corporation u llibera lill-istess korporazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors u zied li ha transfer gimgha wara l-elezzjoni tal-1987. Semma li dak iz-zmien kellu bzonn joqghod il-Qrendi minhabba li kellu missieru li kien tilef id-dawl ghal kollox. Hutu kienu siefru kollha lejn l-Awstralja u missieru kellu 87 sena u ma kellux min jiehu hsiebu. Zied li appena saret il-bidla tal-Gvern fl-1987 gie trasferit u nehhewh minn mal-Enemalta u tefghuh mal-Public Works il-Mellieha. Poggewh go kamra tal-pjanci u kien qisu kelb tal-ghassa. Fis-sentejn li dam haj missieru baqa' jigi trasferit minn post ghall-iehor. Semma li l-Qrendi floku mal-gibjun baghatu tlieta minn nies. Cahad li kellu l-erba' charges bhal kif semmewlu bhala raguni ghat-transfer. Ghalhekk sostna li dan kien transfer vendikattiv u nehhielu l-possibilita` li f'qasir zmien jekk jinqala' xi haga lil missieru jkun jista' jilhqu u specjalment matul il-lejl u fil-fatt hekk gara ghax missieru waqa' u miet.

In kontro ezami semma li Leli Frendo li semma ghall-ewwel kien mal-Public Works u kien spicca mal-Water Works ghax kien gie trasferit mal-Water Works. Hu kien mal-Water Works u tefghuh mal-Public Works. Dan fis-sens li kienu bidluhom ma' xulxin mill-ewwel wara l-elezzjoni.

Emanuel Cortis Principal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici xehed li r-rikorrent kien dahal mad-dipartiment bhala Substitute Watchman. Dahal mal-Gvern kollu pero` allokat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Fl-1978 lahaq Auxiliary Worker, baqa' attached mad-Dipartiment tax-Xogholijiet pero` spicca l-Water Works. Fi Frar 1987 sar Watchman, dejjem attached mal-Water Works Department. Hu kien jahdem il-gibjun tal-ilma tal-Qrendi. Fl-1987 wara l-elezzjoni sar

Segretarju Parlamentari responsabbli ghall-ilma u energija il-Perit Ninu Zammit. Ir-rikorrent inghata struzzjonijiet biex imur lura d-Dipartiment tax-Xogholijiet. L-istruzzjonijiet kienu hargu mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli ghall-ilma u energija u r-rikorrent mar lura d-Dipartiment tax-Xogholijiet. Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-ilma u l-energija kien jaqa' taht il-Ministru inkarigat mix-Xogholijiet Pubblici.

Giet esebita referenza dwar ir-rikorrent mahruga minn Emanuel Pullicino li dan dejjem qeda xogholu kif suppost u kien kunsidrat bhala wiehed mill-ahjar watchmen.

Fit-13 ta' Novembru 2001 Dr. Borg Costanzi rrileva li jekk saret xi haga irregolari din ma kenitx mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici direttament izda mid-Dipartiment tal-Ilma u li dak iz-zmien id-Dipartiment tal-Ilma kien jaqa' taht id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Sostna li d-danni ma gewx kwantifikati. Dr. Brincat ghar-rikorrent irrileva li dan bata danni morali serji u irreparabbli.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent wara l-elezzjoni tal-1987 gie trasferit mill-Qrendi ghall-Mellieha bhala watchman. Irrizulta wkoll li r-rikorrent kellu missieru ta' eta` avanzata hafna li kien marid u li kien joqghod vicin tal-post fejn ir-rikorrenti kien watchman. Irrizulta wkoll li hu kien l-uniku tifel residenti Malta u li kien propju r-rikorrent li kien jiehu hsieb missieru. It-transfer sar ftit wara l-elezzjoni tal-1987 u raguni ma nghatatx ghaliex sar it-transfer. Irrizulta wkoll li r-rikorrent kien haddiem diligenti. Minnflok ir-rikorrent intbaghat watchman iehor u

possibbilment tlieta minnfloku. Issemma wkoll li ntbaghat fil-Mellieha jahdem f' kamra tal-hadid esposta ghall-elementi naturali kollha. Ghalhekk it-transfer ma jidhirx li kien gustifikat specjalment meta wiehed jara d-distanza enormi l-boghod li ntbaghad ir-rikorrent u cioe` mill-Qrendi ghall-Mellieha.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta` titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Jahti ghat-trasferiment id-Dipartiment tal-Ilma ghax meta r-rikorrent inghata transfer li ma giex gustifikat kien propju ma' dak id-dipartiment. Il-Water Services Corporation ghar-ragunijiet fuq imsemmija gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Irrizulta matul il-kawza li ghalkemm id-Dipartiment tal-Ilma u dak tax-Xogholijiet Pubblici kienu

dipartimenti legalment separati minn xulxin fl-istess hin dan ma kienx b' mod kategoriku tant illi d-Dipartiment tax-Xogholijiet kien dejjem jassumi r-responsabbilta` ghad-Dipartiment tal-Ilma u infatti din anke rrizultat kemm minn depozizzjonijiet kif ukoll minn verbali. Ghalhekk jidher car li ghalkemm it-transfer sar mid-Diparitment tal-Ilma, una volta li ma kienx hemm din id-distinzjoni kollha anzi jekk xi haga kien hemm rabta wahda bejn dawn iz-zewg dipartimenti li per ezampju kienet tuza sezzjoni wahda ghal watchmen li kienu jigu allokati skond il-bzonn, meta wiehed iqis l-obbligu tat-Tribunal li ma jimxix b' linji rigoruzi dwar certu procedura, u meta wiehed iqis li wara kollox huwa l-istess Gvern li huwa responsabbli ghal dawn iz-zewg dipartimenti, it-Tribunal iqis li hemm hemm responsabbilta` bizzejjed fil-konfront tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li jinsab responsabbli ghal dak li sar fil-konfront tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.